jaf jafx x'jiġifieri. Is-Sur Zarb ilu għoxrin sena jgħallem u għalhekk jaf x'għandu jgħallem, kif igħallmu u meta jgħallmu. Kollox jimxi bil-mod, imma kollox maħsub tarġa tarġa u l-istudent jitla' sa l-ogħla quċċata mingħajr tbatija jew għeja. U hekk għandu jkun ix-xogħol meta jkun maħsub għall-istudenti ta' l-iskejjel tagħna.

U l-qofol tal-ktieb ta' A. Zarb f'din il-kapaċità li għandu biex igħallem regola u mbagħad iħarreġ l-istudent jolqotni. Tagħlim prattiku tassew. Nirrikmandah bil-qalb, għax hekk inħoss. U nżid: mhux biss l-istudenti għandhom għalfejn jieħdu pjaċir b'dal-ktieb imma anke s-surmastrijiet. Dawn mhux ser jitgħallmu xi ħaġa ġdida veru, imma kemm hija ħaġa sabiħa li ta' issib ktieb ieħor li jgħinek biex tagħżel taħriġ ta' fejda għall-klassi li jkollok taħt idejk. U l-klassi li qed naħseb fiha jien minn Standard Five tal-Primarji sas-Sesta tal-Leceo jew Sekondarja.

Taf x'nirrakkomanda lill-awtur: li kieku jagħmel tajjeb ħafna lil dak l-istudent li mhux jattendi skola u qed jagħmel ħiltu biex jistudja d-dar waħdu jew fil-ħin liberu tiegħu r-raġel tax-xogħol, li kellu ktejjeb żgħir li jagħti s-soluzzjoni tat-taħriġ tal-ktieb. Barra minn Malta kotba bħal dawn aktarx issibilhom dak il-ktejjeb li jinbiegħ għalih u li nsejħulu 'KEY'. U hemm ħaddieħor li jkun jista' jgawdi mill-ktieb u l-'key', u huwa dak l-istranġier li jitħajjar jifhem u jitgħallem xi ħaġa fuq l-ilsien Malti; u xi ngħidu għal dawk l-eluf ta' Maltin li ħallew gżiritna u qegħdin imsefrin?

L-aħħar kumpliment lis-Sur Zarb: GRAZZI.

REGINALD VELLA TOMLIN.

---

## TISWIJIET FL-ISTAMPA

Fl-istudju kritiku ta' A.Z. taħt it-titlu ta' *Karmenu Vassallo—Poeta u Filosfu* li deher f'"Il-Malti" ta' Diċembru, 1962, isiru dawn it-tiswijiet:

Fil-paġna 104, vers 15. Wara l-kelma *pjan* jiżdiedu l-kelmiet: *etern li sawwar f'moħħ il-Ħallieq, ġens il-bniedem.*

Fil-paġna 106, vers 18. Titneħħa l-virgla bejn il-kelmiet *jiħrax* u *ikasbar*. Vers 24. Il-kelmiet: *But quick—eyed Love*, jinqraw: *But quick-eyed Love*

Fil-paġna 107, vers 2. Il-kelmiet *Francois Maurice* jinqraw *François Mauriac.*

## IR-REV. PATRI EDMUND F. SUTCLIFFE, S.J.

Telfa ta' ħasra u niket hija wkoll dik tal-mewt tar-Reverendu Edmund Felix Sutcliffe, S.J., li ġrat m'ilux f'Heythrop, Oxford, l-Ingilterra. Sutcliffe huwa l-awtur tal-Grammatika Maltija bl-Ingliż, li kienet ħarġet l-ewwel darba fl-1936, meta l-Malti, bl-ortografija tal-Għaqda, kien daħal bħala materja ta' studju fl-Iskejjel tal-Gvern u fl-Università, kif ukoll fil-Qrati, u Atti Leġislativi. Minn dak iż-żmien Patri Sutcliffe sar il-ħabib ta' bosta Maltin, l-aktar tal-Għaqda, li tagħha kien Membru Korrispondent. Il-Grammatika Maltija tiegħu timxi fuq il-prinċipji u r-regoli ortografiċi tal-kitba tal-Għaqda, bi kriterji xjentifiċi, li jgħoddu iktarx għall-moħħ ta' studjużi milli għat-tagħlim elementari tal-Lsien Malti.

Sutcliffe kien Professur tal-Lhudi u tat-Testment il-Qadim fil-Kulleġġ ta' Heythrop. Barra minn Grammatika Maltija bl-Ingliż, huwa kiteb diversi kotba sagri, fosthom "The Monks of Qumran", "Providence and Suffering", "A Two Year Ministry" fejn wera li l-Ħajja Pubblika ta' Kristu fid-dinja kienet ta' sentejn u mhux ta' tliet snin. Kien wieħed mill-edituri taxxogħol kbir tal-"Kommentarju ta' l-Iskrittura Mqaddsa", li jittratta fuq l-istudji li s'issa saru fuq l-Iskrittura. L-aħħar xogħol tiegħu kienet it-traduzzjoni tat-Testment il-Qadim li kien għadu jkteb sa meta għalaq għajnejh.

Xi ħadd iktarx għadu jiftakar il-kontribuzzjoni tiegħu "A Christmas Reverie", li kienet dehret fin-Numru tal-Milied ta' l-1957 f'"The Sunday Times of Malta".

Kien bniedem tar-ruħ, imsemmi għall-karattru dħuli u ħelu tiegħu ma' kull min kien isir jafu.

---

## KOTBA LI RĊEVEJNA GĦAL-LIBRERIJA TAL-GĦAQDA

*Ir-Rużarju.* Perjodiku. P. Valentin Barbara, O.P. Vol. XIV. Jannar-Marzu, 1963. Nru. 4.

*Raġel bil-Għaqal.* Rakkont. Ta' Ġużè Galea. Ediz. 1958.
*Żmien l-Ispanjoli.* Ta' Ġużè Galea. Ediz. 1962.
*The Teacher's Companion.* Ant. Agius. 1962.
*The Way Ahead.* Ant. Agius, Book One. 1962.